MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 45/1998/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' Ottubru, 2004 .**

**Avviz numru : 45/1998G2(PC)**

Louis u Mary Rose konjugi Agius .

vs

Anthony Vella .
Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex, previa okkorrendo d-dikjarazzjoni illi inti

responsabbli ghal hsara kagunata minnek jew mill-haddiema tieghek fin-neon sign imwahhla mal-faccata tal-hanut 'Il-Kaptan Bar & Snack Bar', Triq Michaelangelo Refalo, Marsalforn, proprjeta' tal-atturi, f'diversi okkazzjonijiet waqt li inti kont qieghed taghmel xoghlijiet ta' rikostruzzjoni fil-fondi immedjatament attigwi ghal dak tal-atturi, tigi kundannat thallas lill-atturi l-ispejjez inkorsi minnhom fir-riparazzjoni tal-istess hsara .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Marzu, 1998 kontra tieghek; u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. illi fl-ewwel lok hemm in-nullita' jew l-ineffikazja tat-talba attrici in kwantu tirrigwarda xi responsabbilita' da parti tal-eccipjenti ghall-agir ta' xi haddiema tieghu . Dan ghaliex skond il-ligi tali responsabbilita' hija ben ristretta ghal kazi u cirkostanzi partikolari liema cirkostanzi l-inqas biss huma premessi fl-avviz.
2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal premess illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu minghand il-konvenut il-hlas ta' l-ispejjez li kellhom jinkorru sabiex isiru t-tiswijiet mehtiega fuq *neon sign* li ghandhom fuq il-bieb tal-hanut taghhom f'Marsalforn . Huma jallegaw illi dawn il-hsarat saru per konsegwenza ta' xoghlijiet ta' tkissir ta' konkos li l-konvenut kien qed jaghmel fuq fond attigwu ghall-hanut taghhom .

Il-konvenut qed jichad ir-resposabilita' ghax jikkontendi illi huwa ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jaghmilx hsara lill-girien u nfatti ghamel *shuttering* sabiex tilqa' ghal dak li seta' jaqa waqt ix-xoghol . Isostni wkoll illi fl-istess zmien li kien qed jahdem hu, kien hemm haddiehor jaghmel xi xoghlijiet ta' tqaxxir tal-faccatta fil-

fond sottostanti u ghalhekk mhux necessarjament li l-hsara lmentata giet ikkagunata minnu .

Irrizulta anke mir-ritratti esebiti mill-attur[1], illi l-hsara fin-*neon sign* ta' l-attturi giet ikkawzata minn bicciet ta' konkos li waqghu jew taru ghal fuqha . Dan ifisser illi kien rizultat ta' xoghol ta' tkissir ta' konkos ta' gallariji kif gie ammess li kien qed jaghmel il-konvenut fl-inhawi . Ghalkemm ix-*shuttering* imsemmi seta' tassew kellu effett li jilqa' ghal hafna mit-titjir ta' konkos li huwa inevitabbli f'xoghol bhal dak li kien qed jaghmel il-konvenut, xorta wahda jibqa' l-fatt illi ghax-xoghol fuq it-twieqi li jidhru fir-ritratti tal-fondi fejn saru dawn ix-xogholijiet[2], ma jidher illi kien hemm ebda protezzjoni, sakemm l-attur setss ma qabbadx persuna biex taghmel tisqifa bil-*plywood* halli tigi evitata aktar hsara[3] . Allura facilment seta' jtir jew jaqa' xi konkos tal-blajjiet ta' dawn it-twieqi milli kien qed jitkisser ghal fuq is-*sign* in kwistjoni . Minn naha l-ohra lanqas huwa probabbli li l-konkos li laqat l-istess *sign* kien gej mix-xoghol li kien qed isir minn haddiehor fuq il-pjan sottostanti fl-istess zmenijiet . Dan jispjega l-istess konvenut kien jikkonsisti biss fit-tqaxxir tal-faccata billi titnehha qoxra tal-gebel li kien hemm qabel . Jista' jkun illi max-xoghol kien jaqa' xi ftit frak tas-siment li seta' ntuza biex tehel din il-qoxra, imma dan zgur li ma setghax ikkawza l-hsara li minnha qed jilmentaw l-atturi . Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta illi kagun ta' din il-hsara kienu x-xoghlijiet maghmula mill-konvenut u ghalihom irid allura jwiegeb l-istess konvenut .

Gew prodotti tliet (3) kontijiet dwar it-tiswijiet mehtiega fuq din is-*sign*[4] li gew anke kkonfermati mill-attur[5] . Dawn l-ispejjez ma gewx kontestati u l-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taccettahom bhala li jirraprezentaw il-flus li hargu l-atturi ghal dan il-fini . It-tiswijiet saru fi tliet okkazjonijiet u jlahhqu ammont totali ta' mija wiehed u

[1] Dokti. A sa E a fol. 11 - 17 tal-process .
[2] Dokti. LA 1, 2 u 3 a fol. 84 – 86 .
[3] ara depozizzjoni Anthony Tabone tal-24.3.2000 a fol. 32 - 34 .
[4] Dokti. H, I u J a fol. 18 - 20 .
[5] ara depozizzjoni tieghu tal-11.6.1998 a fol. 6 – 9 .

sittin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (LM161.75) .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsara kkagunata fin-*neon sign* imwahhla mal-faccata tal-hanut ta' l-atturi fl-indirizz indikat fl-Avviz, u dan f'diversi okkazjonijiet waqt li kien qed jaghmel xoghlijiet ta' rikostruzzjoni fil-fondi immedjatament attigwi ghal dak ta' l-atturi; u konsegwentement ,

2. tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' mija wiehed u sittin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm161.75) fi spejjez inkorsi mill-atturi sabiex saru t-tiswijiet mehtiega .

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut .
s4598Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------